MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 4/2020 LM

**Tessie Cutajar (K.I. numru 400950M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellant"] mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2020 (Numru 029/20) [minn issa 'l quddiem "id-

deċiżjoni appellata"] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Tessie Cutajar (K.I. nru 400950M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellata"] u b'hekk ħassar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-24 ta' Awwissu, 2017

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw t-talba tal-appellata għall-Għajnuna Medika li hija ppreżentat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-18 ta' Ottubru, 2016, fejn din it-talba kienet ġiet miċħuda fl-24 ta' Awwissu, 2017 peress li hija ma kinitx marret l-Uffiċċju Distrettwali kif mitluba tagħmel.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru fis-7 ta' Settembru, 2017, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tal-24 ta' Awwissu, 2017. Id-Direttur Ġenerali appellant min-naħa tiegħu wieġeb fil-11 ta' Lulju, 2018, fejn spjega li fil-każ odjern l-appellata kienet naqset li twieġeb għas-sejħiet tal-uffiċjal tal-Uffiċju Distrettwali.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tad-DSS datata 24 t'Awwissu 2017 li permezz tagħha id-DSS infurmaha li l-applikazzjoni għall-għajnuna medika ma kinitx aċċettata bir-raġuni tkun li ma marritx l-uffiċċju distrettwali meta bagħtu għaliha.*

*L-appellanta fl-appell tagħha spjegat fid-dettal l-akkadut u ċioè kif hija kellha tbiegħ id-dar tagħha sabiex tagħmel tajjeb għad-dejn ta' binha Charlot Cutajar, li spiċċa ukoll inqatel.*

*Jirriżulta li l-att ta' trasferiment tal-proprjetà tagħha sar fis-7 t'April 2016 in atti Nutar Bartolomeo Micallef liema proprjetà inbiegħet versu l-prezz ta' €280,000. Mill-ħlasijiet li saru minn dan it-trasferiment, l-appellanta irċeviet biss circa €20,000, billi hija dehret fuq il-kuntratt ma' uliedha qua eredi tad-defunt żewġha, u Charlot Cutajar, ħa l-aktar pagament sabiex huwa jkun jista' jħallas id-djun li kellu minn negozju ħażin li kien għamel bl-isem ta' Tyson Butcher.*

*Wara li biegħet din id-dar, l-appellanta spiċċat bla saqaf fuq rasha u bdiet tikri l-fond 96 Carmel Street Fgura versu l-kera ta' €400 fix-xahar liema kera kellha tieqaf milli tħallasha billi spiċċawla l-fondi.*

*Illum il-ġurnata din il-mara qed tgħix ġo garaxx mingħajr madum, dawl u servizzi bażiċi sanitarji. Hija ħasra li minkejja li għandha t-tfal u kellha titlef darha minħabba wieħed minnhom, ħadd minn uliedha ma ħa ħsiebha u aċċettaha tgħix miegħu jew magħha.*

*Jidher għalhekk li l-appellanta anqas kellha għalfejn tbiegħ id-dar tagħha kieku mhux għall-fatt li kellha tħallas id-dejn ta' binha. Żgur li dan ma jistgħax jiġi kkunsidrat bħala li ddisponiet b'mod irresponsabbli minn ġidha, imma pruvat issalva lil binha – tentattiv li sfaxxa fix-xejn xorta waħda. L-uniku żball tagħha kien li ma marritx l-uffiċċju distrettwali tinfurmahom bl-akkadut, għalkemm id-DSS ma preżentax prova li filfatt l-appellanta kienet notifikata bl-avviż biex tmur l-uffiċċju.*

*Għaldaqstant in vista taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-appell qed ikun milqugħ."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-13 ta' Frar, 2020 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-

deċiżjoni appellata u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Awwissu, 2017.

6. L-appellata għażlet li ma tweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju ewlieni tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

8. Id-Direttur Ġenerali appellant qabelxejn jirrileva li huwa konsapevoli sew li din il-Qorti bħala qorti tal-appell, m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Iżda filwaqt li jagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, in sostenn tal-argument tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru kien għalkollox żbaljat u għalhekk din kienet raġuni għaliex huwa kien qed jinterponi l-appell odjern. Jispjega li huwa kien sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellata kienet naqset milli tattendi l-Uffiċċju Distrettwali, u dan sabiex tirrispondi għal xi domandi fosthom fir-rigward tal-kapital li kellha fl-ammont ta' €20,000 u l-garaxx ġewwa 15, St. Simon Street, Fgura, bil-għan li jiddeċiedi jekk hija kinitx għadha eliġibbli għall-Għajnuna Medika *o meno.* Id-Direttur Ġenerali appellant spjega li huwa kien esebixxa l-minuti tad-Dipartiment quddiem l-Arbitru u għalhekk dan ma setax jgħid li huwa ma kien ġab l-ebda prova. Iżid jgħid ukoll li l-appellata min-naħa tagħha qatt ma

kkontestat il-fatt li d-Direttur Ġenerali appellant kien talabha sabiex tmur sal-Uffiċċju Distrettwali. Jirrileva li l-appellata ma ressqet l-ebda prova li l-ammont ta' €20,000 intefqu minnha sabiex tħallas dejn dovut skont skrittura privata tal-21 ta' Lulju, 2014 ma' ċertu Raymond Schembri. L-Arbitru hawn straħ fuq l-allegazzjonijiet tal-appellata, liema allegazzjonijiet fil-parti l-kbira tagħhom ma ġewx ippruvati skont il-prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li min jallega jrid jipprova, u anki skont dak li kien jirrikjedi l-paragrafu (b) tas-sub-artikolu 97(1) tal-Kap. 318, fejn hija kellha kull obbligu li tippreżenta l-informazzjoni rikjesta mill-istess Direttur Ġenerali appellant fl-Uffiċċju Distrettwali kif kienet mitluba li tagħmel. Għalhekk l-appellata kienet naqqset li tgħid lid-Direttur Ġenerali appellant dwar il-bidla fiċ-ċirkostanzi tagħha, u dan kif kienet dovuta li tagħmel skont il-liġi u anki skont kif kien indikat fl-applikazzjoni għall-Għajnuna Medika. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li anki jekk l-Arbitru kellu japplika l-prinċipji ta' ġustizzja u tal-ekwità skont is-sub-artikolu 108(9) tal-Kap. 318, dan ma setax jasal sabiex ibiddel id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali. Għalkemm l-appellata pprovdiet lill-Arbitru b'numru ta' fatti, jissottometti li hija xorta waħda ma ottemporatx ruħha mal-oneru impost fuqha skont il-liġi, u għalhekk kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-liġi.

9. Il-Qorti tikkonsidra li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Tibda billi tosserva li għalkemm l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata rrileva li d-Direttur Ġenerali appellant ma kienx ippreżenta prova li l-appellata kienet ġiet notifikata bl-avviż sabiex tmur l-Uffiċċju Distrettwali, l-imsemmija appellata ma kkontestatx dan il-fatt fl-appell tagħha lill-Arbitru. Għalhekk din il-Qorti tqis li hija kienet ġiet debitament notifikata fl-indirizz 96, Triq il-Karmnu Fgura, u

kienet konxja tat-talba tad-Direttur Ġenerali appellant sabiex tmur l-Uffiċċju Distrettwali.

10. Fil-minuti tad-Dipartiment li esebixxa d-Direttur Ġenerali appellant, jirriżulta li hemm żewġ kwistjonijiet li kellhom jiġu indirizzati qabel ma tiġi meqjusa t-talba tagħha għall-Għajnuna tal-Mard magħmula fit-18 ta' Ottubru, 2016. Dawn kienu li (i) l-appellata kellha tipproduċi dokument uffiċjali maħruġ mingħand avukat jew nutar fir-rigward tal-kapital li kien irriżulta li kellha l-appellata qabel ma għamlet l-applikazzjoni; (ii) l-appellata kellha tispjega x'kien ġara bil-garaxx bin-numru 15, St. Simon Street, Fgura. Meta l-appellata naqset li tmur l-Uffiċċju Distrettwali fejn hija setgħet tintalab l-informazzjoni neċessarja, u dan saħansitra wara li ntalbet tagħmel dan għal darbtejn kif jirriżulta mill-imsemmija minuti, it-talba ġiet ġustament irrifjutata.

11. Il-Qorti tgħid li ġaladarba l-appellata ma kkontestax il-fatt li hija kienet rċeviet iż-żewġ talbiet sabiex tmur l-Uffiċċju Distrettwali u naqset milli tmur u ma ġabet ebda raġuni valida skont il-liġi, l-Arbitru kien dovut jieqaf hawn mingħajr ma jkompli jistħarreġ il-mertu tal-każ, li wara kollox qatt ma kien ġie deċiż mid-Direttur Ġenerali appellat. Barra minn hekk jekk din il-Qorti tqis dak li l-Arbitru ddeċieda dwar il-mertu, issib li ma kienx korrett għaliex huwa naqas milli jindirizza ż-żewġ kwistjonijiet li xtaq jindaga dwarhom id-Dipartiment qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba tal-appellata. Dan il-Qorti tgħidu għaliex l-appellata naqset għal darb'oħra milli turi b'mod sodisfaċenti x'kien ġara bl-ammont ta' €20,000 li allegatament kien baqa' f'idha mir-rikavat tad-dar matrimonjali, fejn baqgħet ma esebietx l-irċevuta debitament iffirmata minn avukat jew nutar. Naqset ukoll milli tippreżenta, kif mitluba waqt is-

seduta tad-19 ta' Ottubru, 2018 quddiem l-Arbitru, ir-rendikonti bankarji għall-perijodu bejn Jannar 2016 sa Diċembru 2017, u dettalji dwar il-ħlasijiet li hija għamlet mis-sehem tagħha mir-rikavat fuq imsemmi. Il-Qorti tosserva li wkoll fir-rigward tal-garaxx bin-numru 15, St. Simon Street, Fgura, hija ma ppreżentat l-ebda prova dwar l-akkwist u l-użu preżenti tiegħu jew jekk dan bigħetux.

12. Għaldaqstant, din il-Qorti ssib l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikat u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-24 ta' Awwissu, 2017.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**